*GRAJJIET, DRAWWIET, TIFKIRIET*

# L-EWWEL KNISJA ANGLIKANA F'MALTA

## HADET 30 SENA BIEX TINBENA

**Naħseb li ħafna minnkom raw iżjed minn darba l-Knisja Anglikana li hemm il-Belt, fi Pjazza Celsi, illum Pjazza Indipendenza, sewwa sew quddiem il-Berġa ta' Aragona. Bini sempliċi iżda mponenti, b'portiku jew "pronao" fuq sitt kolonni joniċi. Dawn jagħlqu bi frontispizju, fl-arkitrav iġib l-iskrizzjoni latina: "Lil Alla it-Tajjeb u l-Kbir, ir-Reġina Adelajdi ddedikat — 1844". Mal-lemin, in-naħa ta' wara, jitla' twil twil kampnar sura piramidali, li jidher wisq prominenti min-naħa ta' Marsamxett. Fuq din il-knisja ngliża ser inkellimkom illum u ngħidilkom l-istorja tagħha. Tridu tisimgħuha?**

*(Minn Mons. Profs. A. Bonnici)*

### IL-KAPPELLA TAL-PALAZZ

Meta ġew l-Ingliżi Malta fl-1800, bħala nazzjon aktarx protestant, ma sabux knisja fejn jistgħu jinġabru għall-funzjonijiet reliġjużi tagħhom. Billi kienu għadhom ftit, bil-permess tal-Kummissjarji Civili u wara tal-Gvernaturi, bdew jużaw il-kappella li hemm fil-Palazz Maġisterjali. Meta l-għadd tagħhom beda jikber, sa mis-sena 1813 bdew jixħtu għajnejhom fuq imkejjen oħra, anzi fuq knejjes kattoliċi, u waslu biex minn kappella żgħira xtaqu li jieħdu xejn inqas minn San Gwann, l-akbar knisja f'Malta. Iżda l-Gvernatur Maitland, kif ukoll Lord Bathurst, is-Segretarju tal-Istat għall-Gwerra u għall-Kolonji, deħrilhom li kienet ħaġa mprudenti tieħu dik il-knisja kbira, sabieħa u storika għal qima protestanti.

Is-suċċessur ta' Maitland, il-Markiż Hastings, għamel f'rasu li jibni knisja ġdida fil-qiegħ ta' Triq Irjali, iżda l-kaxxa ta' Malta ma kinetx tiflaħ dawk l-ispejjeż. B'danakollu hu ma qatax qalbu, u, iżjed il-quddiem, iddeċieda li jibni Knisja ħdejn il-Barrakka t'Isfel, fejn fi żmien l-Ordni kien hemm l-hekk imsejħa "bagni degli schiavi", jew il-ħabs tal-ilsiera, li beda jservi bħala ħabs ċivili. Saret l-istima u beda x-xogħol: twaqqgħet dar quddiem il-Barrakka u sar xi tħaffir għall-pedamenti. Iżda wara ftit instab li l-blat kien tant fil-fond — mal-20 pied — li l-ispiża kienet ser tkun bil-wisq aktar mill-istima. Bl-ordni tal-Gvern Ingliż twaqqaf ix-xogħol, u d-dar imwaqqa' reġgħet inbniet.

### IL-KNISJA TAL-GIZWITI?

Minħabba f'hekk Lord Hastings għamel f'rasu li jagħti lill-Protestanti l-knisja tal-Giżwiti, li bħal San Gwann kienet waqgħet taħt il-Gvern Ingliż. Iżda hu sab diffikulta', għax f'dik il-knisja kien hemm midfunin kattoliċi u ħafna mill-artali kienu ta' ġuspatronat, u l-patruni ma kenux ser iċiedu l-jeddijiet tagħhom mingħajr kumpens. Nafu li l-Gvernatur ta l-permess biex f'dik l-istess knisja jinġabru s-suldati kattoliċi għas-servizzi reliġjużi tagħhom. Imbagħad xeħet għajnejh fuq il-knisja ta' San Gakbu. Iżda, meta żarha, ra li kienet ċkejkna u warrab il-ħsieb. Sadattant (1826) il-Protestanti bdew jinġabru f'kappelli privati tagħhom: waħda fil-Belt u l-oħra Bormla u l-Kappella tal-Palazz tkabbret xi ftit ukoll.

Billi x-xewqa tal-Protestanti li jkollhom knisja imdaqqsa għalihom ma naqsetx, il-Gvernatur kiteb lill-Isqof ta' Londra biex jagħtih somma ta' flus mill-fondi li kien hemm għall-bini ta' knejjes anglikani. L-Isqof wieġeb li dak il-bini f'Malta ma kienx fil-għan tal-fond. Anzi l-istess Isqof fl-1829 bagħat "memorandum" lid-Duka ta' Wellington, il-Prim Ministru Ngliż, u fiha akkuża lill-Gvernatur Sir Frederick Cavendish Ponsonby li kien qed imil iżżejjed lejn il-kattoliċi maltin u jħalli fil-ġenb il-protestanti ngliżi. Il-Prim Ministru bagħat dak il-"memorandum" lill-Gvernatur u talbu jwieġeb għall-akkużi. Dan wieġeb li hu kien isib diffikulta kbira li jdawwar knisja kattolika fi knisja protestanti u wera wkoll li l-akkużi l-oħra fil-memorandum ma kienux jaqblu mas-sewwa.

Fl-1836, il-Logutenent Kurunell Sir George Cardew, li kien qed jamministra l-Gvern fl-assenza tal-Gvernatur, bagħat lill-Lord Glenelg, Segretarju tal-Istat, kopja ta' ittra miktuba minn Mr. Mc Kenzie, id-Direttur tax-xogħolijiet f'Malta, u magħha għaqqad pjanta għal bini ta' knisja Protestanti flok il-Berġa Ngliża. Din aktarx li kienet id-dar fi Triq Kristofru kantuniera ma' Triq Sant' Orsla. Il-knisja kellha tqum £32,000, li kellhom jittieħdu mir-riservi tal-Kaxxa Lokali. Iżda l-biċċa waqfet hemm.

### MINFLOK IS-SUQ

Sena wara, iċ-Church Missionary Society, iddeċidiet li tgħin il-Protestanti f' Malta billi tibnilhom knisja l-Belt, li kellha tibqa' proprjeta' tagħha. Lord Glenelg kien favur il-proposta. Il-Kumitat tas-Soċjeta' f'Londra inkariga lill-Aġent tagħhom f'Malta, Mr. C.F. Schleinz biex jagħżel post tajjeb u kbir u jitolbu b'xejn lill-Gvernatur, u l-knisja setgħet isservi għall-Protestanti l-oħra wkoll. L-Aġent issuġġerixxa bħala post is-Suq tal-Belt.

Il-Gvernatur sab diffikulta' l-ewwelnett għaliex biex twaqqa' is-suq (jew kull post ieħor) u tibni band'oħra kien jinvolvi spiża daqs dik tal-bini ta' knisja f'post mhux mibni, fit-tieni lok, għaliex żewġ knejjes Protestanti fi Gżira ċkejkna kienu jtellfu waħda lill-oħra, u l-Knisja Stabbilita' (l-Anglikana) aktarx li tbati. Barra minn dan, issokta jikteb il-Gvernatur, kienet ħaġa perikoluża ħafna knisja ta' Soċjeta' Missjunarja Protestanti f'post fejn il-popolazzjoni kollha hija kattolika u l-Gvern Ingliż kien għamel wegħda sollenni li jżomm u jħares dik ir-Reliġjon, sakemm dik is-Soċjeta' ma tagħmilx propaganda fil-Gżira u ma twegħidx li ma tattakkax ir-Reliġjon u d-Drawwiet tal-Knisja Rumana. Il-Gvernatur temm l-ittra billi talab lis-Segretarju tal-Istat permess li jibni knisja ta' bejn it-£3,000 u l-£4,000, meta jkun hemm flus biżżejjed. Iżda ma għaddewx ħlief xahrejn meta l-Gvernatur, imkwetat, reġa' kiteb biex jirtira l-proposta tiegħu, għax kienet tmur kontra l-interessi tal-Kattoliċi Maltin, li kienu ġa qegħdin iħallsu £300 għall-Kappillan Civili tiegħu (Protestant) waqt li l-Kleru Kattoliku ma kellu ebda għajnuna mill-Gvern. Mhux dejjem huma ġusti l-akkużi tagħna kontra l-Gvernaturi!

(Ikompli paġna 4).

# L-Ewwel Knisja Anglikana f'Malta

(Jaqbad minn paġna 3).

**PROPOSTI OHRA**

Għalhekk, Lord Glenelg reġa ssuġġerixxa li tintuża xi knisja kattolika. Il-Gvernatur wieġeb li l-knisja ta' San Ġakbu kienet żgħira u kienu jinħtieġu spejjeż oħra għall-kappillan.

Fl-1838, il-Gvernatur Sir H. F. Bouverie ppropona bini ta' knisja protestanti f'qiegħ Triq Merkanti. Il-proposta ma ġietx aċċettata għaliex is-sit kien il-bogħod minn Putirjal u l-Furjana, fejn kienu stazzjonati s-suldati. Għalhekk, huwa ssuġġerixxa li tiġi rranġata kappella mdaqqsa fil-Berġa tal-Italja (illum il-Posta) bi spiżi żgħira ta' £1,400. Is-Segretarju tal-Istat l-ewwel aċċetta, imbagħad irtira l-permess. F'dik il-Berġa infetħet Tarzna Ċivili.

Fl-aħħar dak il-Gvernatur għaddielu minn rasu ħsieb: Min jaf kieku l-Protestanti f'Malta u oħrajn ta' barra jagħmlu ġabra bejniethom għal dak il-għan? Is-Soċjetajiet Protestanti setgħu jagħtu sehem kbir għaliha u r-Reġina Armla Adelajde, li kienet għadha kemm waslet Malta biex tqatta' x-xitwa fil-Gżira, setgħet ukoll tagħti daqqa ta' id ġmielha għall-propaganda. Infatti din kitbet lir-Reġina Vittorja, in-neputija tagħha u talbitha tibni dil-knisja hi. Meta rat li Vittorja ma aċċettatx it-talba, fiż-żelu reliġjuż tagħha, Adelajde offriet li tibniha hi a spejjeż tagħha.

**SA FL-AHHAR**

Nistgħu nobsru x'ferħ kbir kien dak tal-Gvernatur meta waslitlu l-aħbar ta' dan, għaliex b'hekk seta' jaqta' x-xewqa tan-nies ta' pajjiżu u tar-Reliġjon tiegħu, mingħajr ma jgħabbi b'toqol ġdid lill-Kattoliċi maltin. Kulma kienet sejra tbati Malta kien l-għoti tal-art b'xejn, li parti minnha kienet qed isservi ta' mitħna u forn għall-Flotta u parti oħra kienet mikrija lill-President tal-Qrati Sir John Stoddart. Fiż-żmien, dak il-blokk kien il-Berġa tal-Ġermanja.

Bla telf ta' żmien Bouverie ordna it-twaqqigħ ta' dak il-bini u nbeda x-xogħol tal-knisja l-ġdida, li kellha tesa' 1,000 ruħ u sservi għas-suldati u għall-baħrin protestanti. B'kollox kellha tiswa bejn £6,000 u £8,000. Kien hemm is-suġġeriment li l-knisja tkun katedrali u parrokkjali.

Fl-20 ta' Marzu 1839, ir-Reġina Adelajdi qegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja quddiem Awtoritajiet Militari u Navali u nies prominenti oħra. Il-bini intemm fuq pjanti ġodda tal-Perit Mr. Scamp, li bidel xi ftit dawk ta' qablu, u, fl-1 ta' Novembru 1844, l-Isqof ta' Gibilta', George Tomlison, ikkonsagraha taħt l-isem ta' "Knisja Kolleġġjata Anglikana ta' San Pawl".

Min interessa ruħu jaqra din l-istorja u jixtieq ikun jaf aktar dettalji jaqra l-artiklu bl-Ingliż tiegħi li ħareġ fil-"Melita Historica" għas-sena 1973. Hemmhekk isib artikoli ta' interess storiku lokali.